**Ħadd wara Għid il-Ħamsin**

# It-Trinità Qaddisa

**Solennità**

## Qari I

***Il-Mulej hu tassew Alla kemm fil-għoli tas-sema kif ukoll hawn isfel fl-art, u m'hawnx ieħor għajru.***

Dewt 4, 32-34.39-40

**Qari mill-Ktieb tad-Dewteronomju**

Mosè kellem lill-poplu u qal: [32]«Staqsi liż-żminijiet tal-imgħoddi,
iż-żminijiet ta' qabel, sa minn mindu Alla ħalaq il-bniedem fuq l-art,
fittex minn tarf għall-ieħor tas-sema, u ara kienx hemm ġrajja hekk
kbira bħal din, jew qattx instemgħet oħra bħalha. [33]Qatt kien hemm
poplu li sama' leħen Alla jitkellem minn ġon-nar - bħalma smajt int
- u baqa' ħaj?

[34]Jew qatt xi alla fittex li jagħżel għalih poplu minn fost poplu ieħor
b'tiġrib, b'sinjali, b'għeġubijiet, b'taqbid, b'id qawwija u bi driegħ
merfugħ, b'għemejjel kbar tal-biża', bħalma għamel għalik quddiem
għajnejk fl-Eġittu l-Mulej, Alla tiegħek?

[39]Mela, kun af illum, u żommha f'moħħok, li l-Mulej hu tassew Alla,
kemm fl-għoli tas-sema kemm hawn isfel fuq l-art, u li ma hawnx
ieħor għajru. [40]Ħares, għalhekk, l-ordnijiet u l-kmandamenti tiegħu
li se nagħtik illum biex ikollok riżq, int u wliedek warajk, ħalli tgħix
żmien twil fuq l-art li l-Mulej, Alla tiegħek, se jagħtik għal dejjem.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 32 (33), 4-5.6.9.18-19.20.22

R/. (12b): Hieni l-poplu li l-Mulej għażel b'wirtu

4 Sewwa hi l-kelma tal-Mulej,
kollox bil-fedeltà huwa għamel.
5 Hu jħobb id-dritt u s-sewwa;
bit-tjieba tal-Mulej mimlija l-art. R/.

6 Bil-kelma tal-Mulej saru s-smewwiet,
u b'nifs fommu t-tiżjin kollu tagħhom.
9 Għax hu tkellem, u kollox sar;
hu ordna, u kollox seħħ. R/.

18 Ara, għajnejn il-Mulej fuq dawk li jibżgħu minnu,
fuq dawk li jittamaw fit-tjieba tiegħu,
19 biex jeħilsilhom mill-mewt ħajjithom,
u jaħjihom fi żmien il-ġuħ. R/.

20 Ruħna tixxennaq għall-Mulej,
hu l-għajnuna u t-tarka tagħna.
22 Ħa tkun, Mulej, it-tjieba tiegħek fuqna,
kif fik hi t-tama tagħna. R/.

# Qari II

*Irċevejtu l-Ispirtu tal-adozzjoni ta' wlied Alla.*

Rum 8, 14-17

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani**

Ħuti, 14dawk kollha li jmexxihom l-Ispirtu ta' Alla huma wlied Alla.
15Għax intom ma rċevejtux l-ispirtu li jwassalkom għall-jasar biex
terġgħu taqgħu fil-biża', imma rċevejtu l-Ispirtu li jagħmel minnkom
ulied adottivi; u li bih aħna nistgħu ngħajtu: «Abbà! Missier!»

16Dan l-Ispirtu jixhed flimkien mal-ispirtu tagħna li aħna wlied Alla.
17Jekk aħna wlied, aħna wkoll werrieta, werrieta ta' Alla, werrieta ma'
Kristu: ladarba aħna nbatu miegħu, biex miegħu nkunu gglorifikati.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

ara Apok 1, 8

Hallelujah. R/. Hallelujah
Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu,
lil Alla li hu, u li kien u li għad irid jiġi.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Għallmu u għammdu fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.*

Mt 28, 16-20

**✠ Għeluq tal-Evanġelju skont San Mattew**

F'dak iż-żmien, [16]il-ħdax-il dixxiplu telqu lejn il-Galilija u marru fuq
il-muntanja fejn kien ordnalhom Ġesù.

[17]Kif rawh, inxteħtu quddiemu, għalkemm xi wħud iddubitaw.

[18]Ġesù resaq ikellimhom u qalilhom: «Lili ngħatat kull setgħa
fis-sema u fl-art. [19]Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha,
u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu,
[20]u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara, jiena
magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu